



Brussell, 9 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14742/21

JAI 1360
MIGR 270
ASIM 100
RELEX 1068
VISA 245
FIN 966

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Diċembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14199/21
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi rigward ir-riammissjoni: azzjonijiet rilevanti taw riżultati limitati" – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Diċembru 2021)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi rigward ir-riammissjoni: azzjonijiet rilevanti taw riżultati limitati", approvat mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3837 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Diċembru 2021.

**Rapport Speċjali Nru 17/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat
"Il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi rigward ir-riammissjoni: azzjonijiet rilevanti taw
riżultati limitati"**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 17/2021 "Il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi rigward ir-riammissjoni: azzjonijiet rilevanti taw riżultati limitati";
2. JAQBEL li d-diffikultà u l-kumplessità tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migranti huma waħda mir-raġunijiet għall-ġhadd żgħir ta' ritorni ta' migranti irregolari u għalhekk IQIS ir-Rapport Speċjali bħala kontribut siewi għar-riflessjonijiet dwar kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rigward ir-riammissjoni;
3. JIRRIKONNOXXI l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, li jeżamina l-kooperazzjoni rigward ir-riammissjoni matul il-perijodu 2015-2020 ma' għaxar pajjiżi terzi bl-ogħla ġhadd assolut ta' migranti irregolari mhux ritornati¹;
4. JIEĦU NOTA tal-vantaġġi li, fejn xieraq, jittieħed approċċ aktar flessibbli speċjalment meta jiġu nnegozjati ftehimiet ta' riammissjoni.
5. JAQBEL li għandhom jinħolqu sinerġiji bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għall-faċilitazzjoni tan-negozjati ta' riammissjoni;

¹ Kalkolu bbażat fuq il-perijodu bejn l-2014 u l-2018

6. JAQSAM l-istess opinjoni tal-Qorti dwar l-importanza kruċjali ta' approċċ ta' Tim Ewropa u li nitkellmu b'leħen wieħed ma' pajjiżi terzi;
7. JIRRIKONNOXXI l-importanza li jinħolqu u jiġu applikati l-inċentivi u l-ingranaġġi pożittivi u negattivi meħtieġa biex pajjiżi terzi jikkooperaw fir-riammissjoni, u r-rilevanza li tintuża firxa wiesgħa ta' politiki u għodod wara li jitqiesu bir-reqqa l-kompetenzi nazzjonali u jiġu rispettati bis-sħiħ.
8. JIEĦU NOTA tal-importanza ta' ritorni sikuri u dinjitużi u riintegrazzjoni sostenibbli u ta' appoġġ għall-bini tal-kapaċità għall-pajjiżi ta' oriġini, filwaqt li jiġi żgurat l-involviment attiv tagħhom.
9. JAQBEL li l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar ir-ritorn u r-riammissjoni għandhom jittejbu fl-Istati Membri kollha;
10. JISTIEDEN lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex iżżomm lill-Kunsill infurmat dwar rapporti tal-awditjar futuri dwar l-istess kwistjonijiet jew oħrajn relatati mar-ritorn.
